31980D0764

L 213/28 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.8.1980

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Lulju 1980

li tistabbilixxi l-iskeda tat-tabelli u d-definizzjonijiet li jirrigwardjaw l-istħarriġ statistiku taż-żoni bid-dwieli

(80/764/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 357/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar l-istħarriġ statistiku taż-żoni bid-dwieli [1], u partikolarment l-Artikolu 5 (5) u l-Artikolu 6 (7) tiegħu,

Billi, permezz ta' l-Artikolu 5 (5) tar-Regolament (KEE) Nru 357/79, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw ir-riżultati ta' l-istħarriġ intermedju fil-għamla ta' skeda ta' tabelli li għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament;

Billi, sabiex jassiguraw il-komparabbilità ta' l-informazzjoni mogħtija f'dawn it-tabelli, ċerti definizzjonijiet li jirrigwardjaw l-istħarriġ intermedju għandhom ikunu stabbiliti;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 6 (7) tar-Regolament (KEE) Nru 357/79, l-informazzjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 6 għandha tkun ippreżentata lill-Kummissjoni fil-għamla ta' skeda ta' tabelli li għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma'l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-għamla ta'l-iskeda tat-tabelli għal stħarriġ intermedju dwar iż-żoni bid-dwieli u għall-informazzjoni li hemm riferenza għalia fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 357/79 għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness I.

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet li jirrigwardjaw l-istħarriġ intermedju għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness II.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Lulju 1980.

Għall-Kummissjoni

François-Xavier ORTOLI

Viċi-President

[1] ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 124.

ANNESS I

TABELLA 5

ŻONI MĦAWWLA B'VARJETAJIET TA' GĦENEB IMQASSMA BIT-TIP TA' PRODUZZJONI U TAL-KLASSI TAL-ĠABRA F'ha

Unità ġeografika	Kollha	Għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr				
		Total	Klassi tal-ġabra			
			I	II	III	IV
	1	2	3	4	5	6
Fil-produzzjoni						
Mhux fil-produzzjoni			(*)	(*)	(*)	(*)

Unità ġeografika	Għall-produzzjoni ta' nbejjed oħrajn					
	Total	Klassi tal-ġabra				
		I	II	III	IV	V
	7	8	9	10	11	12
Fil-produzzjoni						
Mhux fil-produzzjoni		(*)	(*)	(*)	(*)	(*)

(*) Volontarja.

TIBDIL FIŻ-ŻONI KKOLTIVATI BI DWIELI GĦAT-TKABBIR TAL-GĦENEB GĦALL-INBID IMQASSMA BIT-TIP TA' PRODUZZJONI U BIL-KLASSI TAL-ĠABRA MATUL IS-SENA TAT-TKABBIR TAL-GĦENEB GĦALL-INBID 19../..., F' ha

Sitwazzjoni fit-tmiem tas-sena tat-tkabbir tal-gheneb għall-inbid Tibdil bl-unità ġeografika	Kollha	Għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr				
		Total	Klassi tal-ġabra			
			I	II	III	IV
	1	2	3	4	5	6
Imnaddfa mill-għeruq jew mhux aktar ikkoltivata						
Imħawwla			(*)	(*)	(*)	(*)
Imħawwla mill-ġdid			(*)	(*)	(*)	(*)

Sitwazzjoni fit-tmiem tas-sena tat-tkabbir tal-gheneb għall-inbid Tibdil bl-unità ġeografika	Għall-produzzjoni ta' nbejjed oħrajn					
	Total	Klassi tal-ġabra				
		I	II	III	IV	V
	7	8	9	10	11	12
Imnaddfa mill-għeruq jew mhux aktar ikkoltivata						
Imħawwla			(*)	(*)	(*)	(*)
Imħawwla mill-ġdid			(*)	(*)	(*)	(*)

(*) Volontarja.

PRODUZZJONI F'ĦL MIŻ-ŻONA KKULTIVATA BI DWIELI GĦALL-GĦENEB TA' L-INBID IMQASSMA BIL-KLASSI TAL-ĠABRA U BIL-MEDJA NATURALI TAL-QAWWA ALKOĦOLIKA KKALKOLATA BI QBIL MAT-TIP TA' PRODUZZJONI GĦAS-SENA TAT-TKABBIR TAL-GĦENEB GĦALL-INBID 19../...

Unità ġeografika	Għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr				
	Produzzjoni f'ħl ta' masti ta' l-għeneb jew inbid				Medja naturali tal-qawwa alkoħolika fi % vol jew il-medja tad-densità fi ° Oechsle
	Klassi tal-ġabra				
	I	II	III	IV	
	1	2	3	4	5

Unità ġeografika	Għall-produzzjoni ta' mbejjed ohrajn					
	Produzzjoni f'ħl ta' most ta' l-għeneb jew inbid					Medja naturali tal-qawwa alkoħolika fi % vol jew il-medja tad-densità fi ° Oechsle
	Klassi tal-ġabra					
	I	II	III	IV	V	
	6	7	8	9	10	11

KALKOLU TAT-TENDENZA FIL-PRODUZZJONI MIŻ-ŻONA KKOLTIVATA BID-DWIELI GĦALL-GĦENEB TA' L-INBID BIT-TIP TA' PRODUZZJONI U L-KLASSI TAL-ĠABRA MATUL IS-SNIN TAT-TKABBIR TA' GĦENEB GĦALL-INBID 19../.... SAL 19../....

Unità ġeografika	Differenza fil-produzzjoni (± %) bejn 19../.... u 19../....			
	Ghall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr			
	Klassi tal-ġabra			
	I	II	III	IV
	1	2	3	4

Unità ġeografika	Differenza fil-produzzjoni (± %) bejn 19../.... u 19../....				
	Ghall-produzzjoni ta' nbejjed ohrajn				
	Klassi tal-ġabra				
	I	II	III	IV	V
	5	6	7	8	9

ANNESS II

Fil-qofol tat-tifsira ta' din id-Deċiżjoni, dawn id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) qasam:

unità tekniko-ekonomika taħt amministrazzjoni waħda u li tipproduċi prodotti agrikoli;

(b) żoni kkultivati:

iż-żona totali ta' l-art bid-dwieli, kemm fil-produzzjoni kif ukoll li għadha mhix fil-produzzjoni, intiża għall-produzzjoni tal-għeneb u/jew materjal ta' propagazzjoniveġitattiva għad-dwieli u suġġetta għal koltivazzjoni regolari biex ikun akkwistatprodott ji jista jitqiegħed fuq is-suq;

(ċ) żona b'varjetajiet ta' dwieli tal-għeneb ta' l-inbid għal inbejjed ta' kwalità psr:

żona bid-dwieli ta' varjetajiet tal-għeneb għall-inbid tajjeb għall-produzzjoni ta'l-inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjuni speċifiċi (psr) li huma konformi mad-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 338/79 tal-5 ta' Frar 1979 ([1])u tad-disposizzjonijiet stabbiliti biex jimplementaw dan ir-Regolament, kif ukoll id-disposizzjonijiet nazzjonali meħuda fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 19 ta' dan l-istess Regolament;

(d) żona b'varjetajiet ta' dwieli tal-għeneb ta' l-inbid għal inbejjed oħrajn:

żona b'varjetajiet ta' dwieli tal-għeneb ta' l-inbid ikkultivati għall-produzzjoni ta' l-inbid apparti mill-inbejjed ta' kwatità psr;

(e) is-sena tat-tkabbir għall-inbid:

is-sena tat-tkabbir ta' l-inbid tibda fl-1 ta' Settembru u tispiċċa fil-31 ta' Awissu;

(f) varjetajiet tal-għeneb ta' l-inbid:

kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 347/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar regoli ġenerali għall-klassifikazzjoni tal-varjetajiet tad-dwieli ([2]);

(g) tindif ta' l-art:

tneħħija kompleta tal-għeruq fiż-żoni mħawwla bid-dwieli;

(h) diskontinwazzjoni:

twaqqif ta' l-operazzjonijiet tal-koltivazzjoni regolari fuq żoni mħawwla bi dwieli biex ikun akkwistat prodott li jista jitqigħed fuq is-suq;

(i) tħawwil:

stabbiliment definittiv ta' żraġen jew partijiet ta' żraġen tad-dwieli, imlaqqma jew le, bil-għan tal-produzzjoni ta' l-għeneb jew l-istabbiliment ta' dielja parenti mxettlagħat-tnissil tan-nisel;

(l) dritt tat-tħawwil mill-ġdid:

id-dritt li jkunu mħawwla mill-ġdid dwieli ta' tip wieħed fuq żona ekwivalenti għal dik imnaddfa, permezz taċ-ċirkostanzi stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 337/79matul perjodu ta' tmien snin tat-tkabbir tal-għeneb għall-inbid li jsegwu s-sena lifihait-tindif, iddikjarat kif xieraq, ikun seħħ;

(m) tħawwil mill-ġdid:

it-tħawwil ta' dwieli bi qbil mad-dritt tat-tħawwil mill-ġdid;

(n) tħawwil ġdid:

tħawwil ta' dwieli li ma jkunux jikkorrispondu mad-definizzjoni ta' tħawwil mill-ġdid kif mogħtija fi (m).

([1]) ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 48.
([2]) ĠU L 54, tal-5.3.1979, p. 75.